**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1696/00JR**

**Fogg Insurance Agencies Limited**

**vs**

**Sandro Saliba**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab l-ammont dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenut rappresentanti prezz ta' polza ta' assikurazzjoni li ggib in-numru F.LE. FSPB.1026.98 mahruga mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-25 ta' Ottubru, 2000, fejn intqal:**

i. **illi l-ammont mitlub huwa infondat kemm fattwalment kif ukoll legalment u qwindi t-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici u dana ghas-semplici raguni, fost ohrajn, li l-konvenut f'ebda mument ma dahal f'relazzjoni kontrattwali mas-socjeta' attrici.**

ii. **li in vista tan-nuqqasijiet li hemm fuq l-avviz dan ghandu in linea preliminari jaghti lok ghan-nullita ta' l-istess u possibilment ukoll il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna.**

**Semgha x-xhieda ta' Sandro Saliba, Mark Scicluna Albert Edward Cardona. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi dan il-kaz jirrigwarda talba ghal hlas ta' premium fuq polza ta' assikurazzjoni.**

2. **Illi t-Tribunal jirrileva illi ma hemmx lok li tigi akkolta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in vista tal-fatt li lanqas ma gie ndikat l-artikolu applikabbli fir-rigward.**

**3. It-Tribunal jirrileva wkoll illi ma hemm ebda nuqqas sostanzjali fl-avviz kif prezentat li jista' jaghti lok ghal xi nullita kif eccepit.**

**4. Dwar il-meritu l-konvenut jikkonferma li f'ebda mument ma dahal f'kuntratt mas-socjeta' attrici kif allegat. Hu kien kellem lir-rappresentant tas-socjeta' attrici biex jaghmel assigurazzjoni fuq il-garage "Saliba Garage", Plot 10, Triq N/S fi Triq Bajjada, Qormi. Il-konvenut qed isostni illi mas-socjeta' attrici kien indaga biss u talabhom stima biss, u minflok dawna baghtulu kont.**

**5. Ir-rappresentant tas-socjeta' attrici Mark Scicluna qal illi l-konvenut kien mela l-"proposal form" fil-21 ta' Jannar 1998, pero' ma kienx ikkonferma meta ried li tibda l-polza. Sussegwentement is-socjeta' attrici baghtet lis-surveyor taghha ghand l-assigurat u huma raw li kien accettabli u stabilew il-premium. L-istess Scicluna kien cempel lill-konvenut dwar kemm kien ser jigi jiswa u l-konvenut kien qallu biex jipprocedi u dana fl-istess jum u cioe' fil-21 ta' Jannar 1998. Fit-22 ta' Jannar 1998 is-socjeta' attrici harget l-invoice.**

**6. Jirrizulta li l-"proposal form" ma hix iffirmata. Hekk ukoll lanqas fil-polza ma hemm il-firma tal-konvenut.**

**7. Il-punt determinanti f'dan il-kaz huwa illi fit-22 ta' Jannar 1998 is-socjeta' attrici kitbet lill-konvenut fejn qaltlu:**

> **"…. We confirm having effected cover in accordance with your instructions as from the 21st January 1998 as follows….".**

**Qaltlu ukoll:**

> **"The policy is in the course of preparation and will be forwarded to you as soon as it comes to hand."**

**Il-konvenut da parti tieghu qatt ma rega' kkuntattja lill-assikurazzjoni sabiex ma johorgux il-polza. Kien hemm ghalhekk l-accettazzjoni tieghu ghall-polza li fil-fatt sussegwentement harget. Il-konvenut ghalhekk gie kopert bil-polza ta' assikurazzjoni, polza li huwa wara li rcieva l-ittra fuq riferita qatt ma kkontesta, ghajr fil-proceduri odjerni. Id-dokumentazzjoni esibita ampjament turi illi l-konvenut kien fil-fatt gia ntrabat mas-socjeta' attrici. Ghalhekk l-ammont jirrizulta dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba u hamsin lira u disa centezmi (Lm54.09c) bl-imaghxijiet jibdew jiddekorru mit-12 ta' Ottubru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**